Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2440

1.12.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2440

tal-25 ta' Novembru 2025

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "L-Istilel tal-UE fuq il-Passaport Tiegħi (STAR-PASS)"

(notifikata bid-dokument C(2025) 7935)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Settembru 2025, ġiet ippreżentata talba lill-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "L-Istilel tal-UE fuq il-Passaport Tiegħi (STAR-PASS)".

(2) L-għan tal-inizjattiva kif espress mill-organizzaturi huwa li, "nistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tiffaċilita l-introduzzjoni mill-Istati Membri tal-UE ta' għażla addizzjonali għad-disinn tal-qoxra tal-passaporti, offruti liċ-ċittadini li japplikaw għal passaport ġdid". Huma jqisu li din l-għażla, li "teżisti flimkien mal-qoxra attwali kulur burgundy tal-passaport", għandha "jkollha sfond blu biċ-ċirku tal-istilel tad-deheb — is-simbolu tal-UE" u l-kliem "UNJONI EWROPEA" jidher b'mod prominenti. L-anness tal-inizjattiva jipprovdi dettalji ulterjuri dwar l-isfond tagħha, is-suġġett tagħha u l-objettivi tagħha.

(3) Il-Kummissjoni tqis li tista' tadotta proposta għal att legali dwar id-disinn tal-qoxra tal-passaporti abbażi tal-Artikolu 77(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, biex jadottaw miżuri dwar il-kontrolli li għalihom huma soġġetti l-persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni.

(4) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

(5) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inkluża l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f'dan il-każ.

(6) Il-grupp ta' organizzaturi pprovda evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.

(7) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minquxin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(8) L-inizjattiva intitolata "L-Istilel tal-UE fuq il-Passaport Tiegħi (STAR-PASS)" għandha għalhekk tiġi rreġistrata.

(9) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b'xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva emendata, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

([1]) ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "L-Istilel tal-UE fuq il-Passaport Tiegħi (STAR-PASS)" għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "L-Istilel tal-UE fuq il-Passaport Tiegħi (STAR-PASS)", irrappreżentat minn Serban ALEXANDRIUC u Davide BIASCO li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Strasburgu, il-25 ta' Novembru 2025

Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membru tal-Kummissjoni